# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Lulju 2024

**NR 162/2024** **Data tal-Ħruġ: 30 ta' Awwissu 2024** **Data tal-Għeluq: 26 ta' Awwissu 2024**

*F'Lulju 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra tnaqqis ta' 0.6 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Lulju 2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.6 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti intermedji naqsu b'4.2 fil-mija. Min-naħa l-oħra, kienu rreġistrati żidiet fil-prezzijiet tal-oġġetti kapitali (3.8 fil-mija) u tal-oġġetti tal-konsum (0.8 fil-mija). Ma kienx hemm tibdil fil-prezz fis-settur tal-enerġija.

Il-prezzijiet tal-produtturi industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'0.2 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet dehru fl-oġġetti tal-konsum (1.2 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (0.2 fil-mija). Għall-kuntrarju ta' dan, l-oġġetti intermedji niżlu b'0.6 fil-mija.

Il-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'1.4 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro niżlu bi 2.8 fil-mija, filwaqt li l-prezzijiet maħsuba għaż-Żona tal-Ewro żdiedu b'0.4 fil-mija (Tabella nru 2).

**Tqabbil max-xahar ta' qabel**

F'Lulju 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.3 fil-mija meta mqabbel ma' Ġunju 2024. Il-prezzijiet tal-oġġetti kapitali u tal-oġġetti tal-konsum naqsu bi 2.0 fil-mija u b'0.1 fil-mija, rispettivament. Min-naħa l-oħra, kienet irreġistrata żieda fil-prezz ta' 0.1 fil-mija fl-oġġetti intermedji. Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-prezzijiet fil-qasam tal-enerġija.

Il-prezz totali tas-suq domestiku ma nbidilx, filwaqt li l-prezzijiet mhux domestiċi niżlu b'0.5 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro naqsu b'1.0 fil-mija, filwaqt li dawk maħsuba għaż-Żona tal-Ewro żdiedu b'0.1 fil-mija (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2021=100) għall-industrija kollha

